MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Talba Numru. 12/2010

**Anthony Mifsud (ID 56047-M)**

**vs**

**John Ebejer (ID 179563-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis- 7 ta' Jannar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn disa' mija u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€2,960.82c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' laham ordnat minn u kkonsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax kummercjali min-data tal-prezentata ta' dan l-avviv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm kien sar tentattiv ghal possibbilta` ta’ transazzjoni, l-istess transazzjoni baqghet ma sehhitx.

Sema’ ix-xhieda ta’ Dr. Robert Buttigieg li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f’ din il-kawza kien ghadu dovut sal-gurnata tallum.

Gie nnotat ukoll illi l-konvenut baqa’ ma kkontestax it-talba attrici kemm formalment u kif ukoll verbalment, u naqas ukoll li jidher ghas-seduta tallum *nonostante* li jigi msejjah diversi drabi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ elfejn disa’ mija u sittin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€2,960.82c) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-ojdern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------